**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 13 ta' Novembru, 2024**

Numru 12

**Fl-atti tal-Appell Nru. 86/2023**

**Frederick Attard u Alfred Coppola**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar u**
**l-kjamat in kawza Akasha Hamed**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti tal-5 ta’ Marzu 2024 li talbu r-rikuza tal-Imhallef sedenti skont l-artikolu 734(1) tal-Kap. 12 billi gia esprima ruhu fuq kwistjonijiet li jolqtu intimament il-kronologija tal-fatti ta’ dan il-kaz. Isemmu s-sentenza fl-ismijiet Martin Manduca et vs Awtorita tal-Ippjanar, deciza mill-Qorti kif preseduta fis-16 ta’ Marzu 2022 u jghidu li l-appell taghhom fih kritika ta’ dik is-sentenza;

Rat ir-risposta tal-Awtorita tal-Ippjanar li opponew ghat-talba;

Ghalkemm l-appellanti ma jirreferux ghas-subinciz rilevanti tal-artikolu 734(1) tal-Kap. 12 huma jghidu fir-rikors li 'l-gudikant jkun gia esprima ruhu fir-rigward ta' kwistjonijiet li jolqtu l-fatti ta' dan il-kaz'.

L-artikolu 734(1) isib rilevanza ghal kaz fis-subinciz (d) li jghid hekk:

> (1) L-imhallef jista' jigi rrikuzat jew jista' jastjeni ruhu milli joqghod fil-kawza -
> (d) (i) jekk ikun ta l-parir tieghu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haġa ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha,
> (ii) jekk il-kawza kienet ga giet quddiemu bhala imhallef jew bhala arbitru: Izda dan ma jghoddx ghal decizjoni, moghtija mill-imhallef, meta ma tkunx qatghet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas ghal sentenza li tehles *ab observantia*,
> (iii) jekk ikun hareg flus ghall-kawza,
> (iv) jekk ikun xehed, jew jekk wahda mill-partijiet tkun bi hsiebha ssejjahlu bhala xhud;

Qari tar-rikors tal-appellanti juri li l-lanjanza taghhom hi dwar l-interpretazzjoi tal-ligi li tat il-Qorti kif preseduta f'kawza mhux relatata ma' din, b'partijiet differenti, ghalkemm il-punt legali involut kien l-istess ghalkemm il-fattispecie marbuta maghha x'aktarx differenti minn dan il-kaz.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta' Dicembru 2013 fl-ismijiet **Philip Grima vs Avukat Generali**, fejn qalet hekk:

> Fis-succint, ir-rikorrenti jsostni li, peress li fil-kaz Angela Balzan l-Imhallef Caruana Demajo fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili, ppronunzja ruhu fuq punt ta' ligi, fil-qafas tac-cirkostanzi partikolari ta' dak il-kaz, allura ma jistax ikun jew ma jistax jaghti dehra ta' imparzjalita` fil-kawza Perit Joseph Barbara fejn il-fatti huma f'diversi aspetti simili ghal dak deciz minnu.
>
> Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-argument huwa fattwalment u legalment insostenibbli, u dan ghar-ragunijiet segwenti:
> Illi fil-kaz Lindon, Otchakovsky-Laurens and July v. France [Appl. 21279/02 u 36448/02, deciz 22 Ottubru 2007] osservat hekk in propozitu dwar il-kriterju ta' imparzjalita` oggettiva:
> "11. As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even appearances may be of some importance. It follows that when it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be

objectively justified [see, for exampe, Gautrin and Others and Kyprianou, both cited above, para. 58 and118 respectively.]

Illi fl-ordni guridiku ta' Malta ma hemmx il-ligi tal-precedent, jew dak paralleli tal-istare decis [Ara per ezempju, App. Dr. Vladimir Formosa v. Direttur tas-Sigurta` Socjali, 4 ta' Mejju 1992; u App. Maria Debono et v. Av. Paolo Mercieca, 30 ta' Jannar 2004] u ghalhekk ma hemm xejn x'josta li dik l-istess Qorti, presjeduta mill-istess Imhallef tippronunzja ruhha mod iehor f'kaz iehor li ghalkemm separat ghandu fatti simili. Dan japplika b'aktar qawwa meta l-Qorti li tkun ppronunzjat ruhha tkun wahda tal-prim istanza. Ghalhekk l-istess Imhallef jista' jkollu ripensament fuq punti ta' ligi maghmula f'kazijiet precedenti, u jiddeciedi mod iehor fil-kaz li jkollu quddiemu.

Ir-ragunament tal-appellanti iwassal ghal sitwazzjoni assurda li magistrat jew imhallef li jkunu taw interpretazzjoni ta' ligi f'kawza li ma jkollha x'taqsam xejn ma' kawza ohra assenjata lilu skont il-ligi, ma jkun qatt jista' jiddeciedi punt ta' ligi simili ghax ikun diga esprima l-fehma tieghu f'kawza ohra li ma tkunx bejn l-istess partijiet. Dak it-tip ta' ragunament jista' jwassal mhux biss ghal sitwazzjoni fejn ma jinstabx gudikant li ma jkunx esprima ruhu fuq l-istess punt ta' ligi izda aghar minn hekk jaghti lok ghal forum shopping li jkun abbuz tas-sistema gudizjarja.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tiddikjara li ma hemm ebda sustanza ghat-talba tar-rikuza tal-Qorti kif preseduta u tichad it-talba. Spejjez ta' din il-vertenza ghall-appellanti.

Mark Chetcuti

Prim Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur